



Il-Kummissjoni  
Ewropea

## Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka

Servizz xjentifiku intern tal-Kummissjoni Ewropea

# E-TRACK

## Ċentru ta' Għarfien dwar it-Trasparenza – Enerġetika

### E-TRACK

Iċ-Ċentru ta' Għarfien dwar it-Trasparenza – Enerġetika" (E-TRACK) hija inizjattiva konġunta miftiehma bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DG ENER) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-enerġija. Dan inħoloq mir-rikonossiment tal-ħtieġa li jiġi offrut sors affidabbli ta' informazzjoni dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija.

"L-Iffaċilitar tal-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fl-Implimentazzjoni tal-Politika tal-Enerġija

Iċ-ċittadini m'għandhomx biss id-dritt li jesprimu l-opinjoniġiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija, iżda jistgħu wkoll iressqu għad-dibattitu għarfien prattiku ta' kuljum, kif ukoll jgħinu lil dawk li jfasslu l-politiki fid-deċiżjonijiet tagħhom. Informazzjoni, ikkomunikata b'mod effettiv, hija meqjusa bħala essenzjali għal parteċipazzjoni pubblika tajba u l-bini ta' fiduċja u kunfidenza fil-proċess ta' transizzjoni li se jwassal għal provvista tal-enerġija sostenibbli, sikura u kompetittiva għall-Ewropa.

L-għan tal-E-TRACK huwa li ssir punt ċentrali ta' referenza għall-monitoraġġ, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattiki tajba ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-politika tal-implimentazzjoni tal-enerġija madwar l-UE.

L-E-TRACK se twettaq diversi proġetti dwar it-trasparenza u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku f'sorsi ta' enerġija varji. Kull proġett ser ikun marbut ma' netwerk ta' atturi mis-soċjetà ċivili, awtoritajiet nazzjonali u sottonazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali pertinenti, korpi regolatorji jew ta' sorveljanza, u mal-interessi industrijali u kummerċjali.

Il-JRC jipprovdi appoġġ operattiv, l-amministrazzjoni ta' kuljum u l-infrastruttura meħtieġa għaċ-ċentru ta' għarfien.

Kuntatt:

Il-Kummissjoni Ewropea, • JRC

Email:  
JRC-IET-ETRACK@ec.europa.eu

Web:  
<https://ec.europa.eu/jrc>

Joint  
Research  
Centre